

## PROCĊEDURI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

### IL-KUMMISSJONI

#### Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ COMP/M.5512 – Electrabel/E.ON)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2009/C 226/06)

1. Fil-11 ta' Settembru 2009 il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004<sup>(1)</sup> li permezz tagħha Electrabel S.A./N.V. ("Electrabel", il-Belġju), proprjetà ta' GDF Suez Group ("GDF Suez", Franza), takkwista fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill il-kontroll sħiħ ta' ċerti impjani tal-enerġija u drittijiet ta' prijorità ta' kapaċitajiet tal-elettriku fil-Ġermanja minn E.ON AG ("E.ON", il-Ġermanja).

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- għal Electrabel: il-ġenerazzjoni u l-provvista tal-elettriku, il-gass naturali, it-tisħin distrettwali u l-provvista ta' servizzi relatati mal-enerġija; il-kummerċ fl-elettriku, fil-gass u fl-alokazzjoni tal-emissjonijiet,
- GDF SUEZ SA huwa grupp internazzjonali industrijali u ta' servizzi attiv fl-amministrazzjoni tal-elettriku, tal-gass naturali, tas-servizzi tal-elettriku, tal-ilma u l-ġestjoni tal-iskart, fost affarijiet oħra,
- E.ON: il-ġenerazzjoni u l-fornitura ta' elettriku u gass naturali.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament (KE) Nru 139/2004. Madanakollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtu kwalunkwe kumment li jista' jkollhom dwar l'operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-faks (+32 22964301 jew 22967244) jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.5512 – Electrabel/E.ON, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea  
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni  
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet  
1049 Bruxelles/Brussel  
BELGIQUE/BELGIË

(1) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.